KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 480 (9-23)

It-Tnejn 15 ta' Diċembru 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia (daħal għal-laqgħa fil-18.15pm)
Il-Kunsillier Albert Pace (daħal għal-laqgħa fil-18.15pm)
Il-Kunsillier Dominic Grech (daħal għal-laqgħa 18.35pm)
Il-Kunsillier Charles Vassallo
Il-Kunsillier Stephanie Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**480.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**480.1.1** Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**480.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti, mibgħuta qabel lill-Kunsilliera, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Is-Sindku ressaq il-Minuti tas-Seduta 479 għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**480.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti.

**480.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**480.3.1** Tismija uffiċjali ta' Sqaq tal-Ħandaq fir-rural

Is-Sindku ressaq talba minn resident biex jissemma uffiċjalment sqaq magħruf bħala Tal-Ħandaq fir-rural. Il-Kunsill unanimament qabel li jingħata uffiċjalment l-isem kif mitlub.

**480.3.2** Problema fi Triq Grezzju Pace

Is-Sindku qal li kellmuh residenti fi Triq Grezzju Pace rigward tabella li hemm biex ma tagħlaqx aċċess bil-vetturi. Hu qal li hemm kwistjoni bejn il-ġirien li qed idawru t-tabella biex ikunu jistgħu jipparkjaw u talab biex jiġi ċċekkjat mar-regolamenti tat-traffiku jew tinstab xi gwida rilevanti jekk hemmhekk jistax isir parkeġġ jew le.

**480.3.3** Xogħol fit-triq Nikola Bonello

Is-Sindku qal li l-HPS (Housing Project Solutions) qed jipressaw li jibda x-xogħol u tingħalaq Triq Nikola Bonello. Hu qal li ta il-go ahead ladarba hemm element ta' periklu bil-kundizzjonijiet biex jikkomunikaw mar-residenti, anka peress li resident infurmana li ser ikollu tieġ u għalhekk iridu jitkellmu miegħu dwar koordinament u tinstab soluzzjoni għat-trasport pubbliku biex ikun jista' jaqdi r-residenti tan-naħat tal-Ħesri. Is-Sindku qal li ta ukoll timeframe sa Lulju biex isir dan ix-xogħol.

**480.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**480.4.1** Il-Kunsillier Albert Pace staqsa jekk il-Kunsill għandux id-dettalji u pjanti tax-xogħolijiet li qed isiru minn IM fi Triq ta' Bur il-Kbir u talab li din tiġi ċċirkolata mal-kunsilliera.

**480.4.2** Il-Kunsillier Albert Pace staqsa dwar talbiet ġodda għall-installar ta' bozoz fir-rural. Hu talab li l-lista tat-talbiet tintbagħat lill-Enemalta biex inkunu nafu jekk hux għaddejja linja u allura jekk titwaħħal lampa ġdida tkun tista' tiġi konnessa. Semma talba partikolari fit-triq tal-Fawwara fejn hemm il-winery u hemm dlam ċappa.

**480.4.3** Il-Kunsillier Christopher Farrugia staqsa dwar iz-zebra crossing fil-bypass qrib Triq il-Ħsad. Hu talab il-possibilita' li din issir mill-iktar fis minħabba periklu biex jaqsmu r-residenti f'dawn l-inħawi. Is-Sindku wieġeb li din diġà approvata u ser tkun inkluża max-xogħolijiet tas-sena d-dieħla. Hu talab li tinġieb stima għall-installazzjoni ta' pelican crossings inkluż trinkar u kull ma jirrikjedi.

**480.4.4** Il-Kunsillier Charles Vassallo staqsa jekk bediex xi xogħol relatata mas-sistemi fl-uffiċċju. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li għalissa intalbu biss pjanti taċ-ċentru ċiviku.

**480.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**480.5.1** Il-Viċi Sindku qal li b'sodisfazzjoni kbir jgħid li l-attivita' Villaġġ tal-Milied kienet suċċess. Hu rringrazja lill-grupp ta' voluntiera li ħadmu għal xhur biex din l-attivita' tittella'. Nhar il-Ħadd li ġej ser issir l-inawgurazzjoni tal-istatwa ta' San Ġwann ta' Triq San Nikola li sarilha intervent biex din tiġi konservata. Din l-istatwa kienet fir-riskju li tintilef għax kienet iddeterjorat u fi stat perikoluż. Qed jaħdem mas-sotto kumitat tal-kultura biex is-sena li ġejja jsiru sezzjonijiet kulturali fuq diversi temi, u jittella run-up fis-serata ta' Jum is-Siġġiewi, inkluż filmati kulturali. Qed jikkonkludi lista nformattiva ta' postijiet ta' interess kulturali fis-Siġġiewi biex tintbagħat lil Exploremalta u tittella' fuq l-app virtwali. Saret ukoll il-ħarġa kulturali għal konkatidral ta' San Ġwann u t- tielet konferenza tal-proġett Ewropew Echogreen f'Bari.

**480.5.2** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li ħa ħsieb il-koordinament tat-tindif fl-avvenimenti li kien hemm fosthom il-festa tat-tfal li sar it-tindif kemm mill-Kuntrattur tal-kunsill u b'koordinament mad-Dipartiment tal-Cleansing, u tal-Villaġġ ta' Nikola. Hu qal li permezz tal-working group qed isiru diversi inizjattivi, koordinament għal cleanups anke ma' entitajiet u inbidlu diversi bins ta' Għar Lapsi kollha u oħra bi skemi finanzjarji. Qed isir ukoll pjan ta' bins li hemm bżonn jinbidlu u oħrajn ġodda għas-sena d-dieħla. Hu qal li x-xogħol ta' tindif fiż-żona rurali għaddej kontinwament u malli taqleb is-sena jibda jikkordina għat-tindif bi preparazzjoni għal Mixgħela f'ħamis ix-xirka. Qal li sikwit iżur iċ-ċentru anzjanità attiva' fejn ikollu kuntatt mal-anzjani, jgħaddilhom informazzjoni ta' attivitajiet tal-Kunsill u nhar il-Ħamis li ġej ikkoordina magħhom għall-festin tal-Milied. Informa li minn Jannar ser jiddedika xi ġranet li jkun fiċ-ċentru ċiviku disponibbli.

**480.5.3** Il-Kunsilliera Stephanie Vassallo infurmat li fis-27 ta' Novembru saret żjara kulturali fis-shelters tal-pjazza mat-tfal tal-Ekoskola u klassi tal-year 5. Qalet li t-tfal urew interess kbir u kienet attivita' interessanti ħafna. Il-ktieb tat-tfal 'Is-Siġġiewi' tqassam fl-iskola primarja u jista' jinġabar mill-uffiċċju tal-Kunsill kopja b'xejn kull residenza. Sadattant qed issir il-versjoni bl-ingliż. Qed taħdem fuq sensiela ta' korsijiet varjati għal Marzu. Qalet li ġie ppublikat avviż għal sejħa għal school grannies b'konnessjoni mal-proġett tal-mobilta'. Hija qalet li l-kumitat tal-ekoskola talbu biex titneħħa is-sand pit tal-bandli Nalizpelra u minflokha jsir xi ħaġa oħra interessanti.

**480.5.4** Il-Kunsillier Albert Pace qal li qed ikompli jaħdem fuq Għar Lapsi. Hu qal li issa l-bankijiet u l-bins tbiddlu kollha. Qed nistennew il-proġett tal-bdil tad-dawl fil-parkeġġ u l-proġett tal-Public Works għat-tranġar tal-moll u anka x-xogħol fuq il-blat li kellu jsir. Hu qal li f'laqgħa mal-Ministru tat-Turużmu ġie propost proġett ta' belvedere mir-reverse osmosis sal-lattrina u għandna nissottomettu pjanta. Hu talab biex nerġgħu infakkru dwar il-bdil tat-taraġ tal-ħadid li jużaw is-sajjieda. Fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa mal-ERA rigward proposta ta' proġett ambjentali li jitratta d-dwal fil-bajja u naraw x'ser jiġi propost. Hu informa li sal-lum it-trasport pubbliku għadu qed jagħti is-servizz sal-bajja.

**480.5.5** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li din is-sena kienet pożittiva għall-attivitajiet sportivi. Hu qal li qed jara l-possibilta' għal attivitajiet u innovazzjoni għas-sena d-dieħla. L-attivita' li jmiss għall-għeluq tas-sena hija l-End of Year Race tat-28 ta' Diċembru b'risq id-Dar tal-Providenza.

**480.6** **Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**480.6.1** Vjal Kulħadd
Is-Sindku informa li l-kurduna tan-naħa tal-belvedere hija lesta, l-istorm water catchment waslu sal-bokka tal-wied u jitlesta wkoll u il-ġimgħa d-dieħla tinfetaħ il-karreġġata tan-nofs għat-traffiku biex isir xi xogħol fis-service road.

Hu qal li għamel talba biex titranġa s-service road li iddeterjorat bit-traffiku qawwi li għadda minn hemm, ser jitranġaw ukoll il-manholes. Is-Sindku qal li għalkemm bħalissa hemm inkonvenjent lir-residenti u min irid jgħaddi minn hemm, dan il-proġett huwa investiment ta' 3.8 miljun ewro fil-lokalita' biex igawdu minnu s-Siġġiwin.

**480.6.2** Ġnien Fr. Nicholas Cachia – Reading Garden

Is-Sindku qal li x-xogħolijiet waqgħu ftit lura iżda qed isegwi biex jibqgħu għaddejjin. Hu qal li qed isegwi wkoll mal-kuntrattur tal-landscaping biex jidħol immedjatament meta jkun lest ix-xogħol infrastrutturali għalkemm ix-xogħolijiet jieqfu għal matul il-festi.

**480.6.3** Xogħolijiet tal-Enemalta

Is-Sindku qal li t-trinek il-kbar fil-qalba tar-raħal issa lesti u qegħdin fil-proċess li jingħata l-wiċċ u jerġgħu isiru is-sinjali tat-traffiku. Hu qal li għandu konferma li l-wiċċ fi Triq ir-Rebbiegħa isir mill-kurduna sal-wiċċ ta' trinka li saret ftit ilu biex tkun kompluta. Hu qal li x-xogħol fi Triq il-Mitjar ta' san Niklaw kellu jiġi sospiż minħabba li instabu oqbra puniċi u għalhekk daħlu is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali, sakemm jagħtu il-go ahead biex ix-xogħol jitkompla. Il-Kunsillier Charles Vassallo staqsa x'inhu il-proċess f'din is-sitwazzjoni. Is-Sindku qal li jsir survey u jintefa' materjal apposta fejn imbagħad jerġa' jintradam mingħajr ma ssir ħsara.

**480.6.4** Twessiegħ ta' Triq Bur il-Kbir

Is-Sindku qal li x-xogħol ta' Triq Bur il-Kbir mistenni jibda fil-bidu ta' Jannar. Bħalissa qed isir ukoll xogħol ta'konok fit-triq relatati mal-proġett ta' żieda ta' siġar koperti mill-iskema.

**480.6.5** Proġett Bankini

Is-Sindku qal li x-xogħol fil-bankini li jmiss fit-toroq Bandla, Żabbarija, u Qiegħa iżda ix-xogħol qiegħed on hold peress li haw diversi xogħolijiet għaddejjin bħalissa biex ma jinqalgħux toroq oħra. Il-Kunsillier Charles Vassallo saqsa jekk hux possibbli nkunu nafu pjanijiet ta' xogħolijiet ta' service providers fit-toroq li qed isir ix-xogħol fihom. Dan biex jiġi evitat li jerġgħu jinqalgħu fil-futur qarib.

**480.7** **Sejħa għal Clerical officer – Customer Care (Scale 15) – Approvazzjoni tar-Rapport tal-Bord**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tippreżenta r-rapport tal-bord. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni fejn wara proċess, jirrakkomanda l-impjieg tas-Srna. Hannah Mariam Attard. Is-Srna. Attard ser tibda fis-19 ta' Diċembru 2025.

**480.8** **Riżenja tal-Administration Officer II**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra tar-riżenja tal-impjegata. Hija qalet li bħalissa qegħda bil-perjodu ta' notice skont il-ftehim kollettiv u qed tagħti hand-over lill-impjegati l-oħra. L-aħħar ġurnata ta' mpjieg hija is-17 ta' Frar 2026.

**480.9** **Sejħa għal 2 postijiet: Clerical Officer u Office Assistant**

B'referenza għall-item preċedenti, is-Sindku qal li ddiskuta mas-Segretarju Eżekuttiv l-aħjar andament biex l-uffiċċju amministrattiv jaħdem f'effiċjenza u effettivita' għal ġid tal-lokal u r-residenti. Hu qal li bħala replacement tal-Uffiċjal Amministrattiv li ser tittermina fi Frar, jipproponi li jkun hemm 2 impjiegi ġodda, ta' Clerical Officer fuq skala 15 u Office Assistant fuq skala 16. Hu qal li hemm bżonn iktar riżorsi umani fl-uffiċċju biex ilaħħqu mad-domanda tax-xogħol u anka biex ikun hemm follow-ups kemm ġo l-uffiċċju u anka fuq barra. Il-Kunsill unanimament approva li jibda l-proċess għall-impjieg b'mod immedjat.

**480.10** **Taħriġ ESF+.03.246/035/25_031 – Professional Development Sponsorship programme for Local Government**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-SE qalet li f'seminar informattiv mid-Dipartiment Gvern Lokali, kienet ħarġet skema finanzjarja ta' taħriġ barra mill-pajjiż. Hija qalet li hi u l-uffiċjal Amministrattiv applikaw għal kors ta' taħriġ fi Spanja mill-20 sal-24 t'April 2026 li dan ġie approvat mill-istess Dipartiment. It-taħriġ inkluż spejjeż oħra ser ikunu ffinanzjati minn iskema tad-DLG ESF+.03.246/035/25_031.

**480.11** **Performance Appraisal għas-sena ta' ħidma 2025 – staff amministrattiv u Segretarju Eżekuttiv**

**480.11.1** Is-Sindku qal li għad irid jiffinalizza l-performance appraisal form tas-Segretarju Eżekuttiv u għalhekk ser tirressaq fis-seduta li jmiss.

**480.11.2** Huwa talab lis-SE tressaq il-performance appraisal tal-istaff amministrattiv. Is-SE qalet li ddiskutiet l-andament tas-sena 2025 mal-istaff. Hija qalet li meta jkun hemm xi nuqqasijiet jew andament ta' titjib matul is-sena jiġu diskussi mill-ewwel. Hija qalet li l-istaff tal-Kunsill jaħdem fi pressure ta' xogħol u meta tara x-xogħol li jkun sar matul is-sena tapprezza kemm team ta' ftit ħaddiema jkunu għamlu xogħol. Għalhekk, hija tirrakkomanda li l-membri kollha tal-istaff jingħataw il-massimu permissibbli ta' 10%. Is-Sindku propona li tintlaqa' r-rakkomandazjoni tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill unanimament qabel.

**480.12** **Performance Appraisal għas-sena ta' ħidma 2025 – ħaddiem assenjat CWS**

Is-Sindku talab lis-SE tispjega. Is-SE preżentat invoice mill-Community Work Scheme għall-performance bonus tal-persuna assenjata mal-Kunsill is-Sur R.Bonello. Hija qalet li din hi bbażata fuq performance appraisal li jimtela perjodikament fejn qed tingħata ir-rata medja. L-ammont huwa €788.26, inkluż il-VAT. Il-Kunsill unanimament qabel.

**480.13** **Proġett tal-lattrina ta' Pjazza San Nikola – ħruġ ta' tender**

Is-Sindku informa li l-permess tal-awtorita' tal-ippjanar għall-proġett tal-lattrina tal-pjazza ġie approvat. Huwa qal li l-Perit tal-kunsill qed jaħdem fuq l-ispecs biex jibda l-proċess ta' Procurement. Qal ukoll li malli jkollna l-BOQ inkunu nistgħu napplikaw għall-finanzjament mill-Urban Development Planning Funds tal-PA.

**480.14** **Skema finanzjarja SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità – ħruġ ta' tender**

Is-Sindku informa li l-applikazzjoni għall-iskema finanzjarja ġiet aċċettata. Huwa irringrazzja lill-amministrazzjoni. Hu qal li din l-iskema tkopri €100k (85%) inkluż il-VAT u il-15% jitħallsu minn fondi lokali. Hu qal li b'dawn il-forsi ser isir embellishment totali tal-open gym, bdil tal-materjal ta' mal-art, il-makkinarju u s-sistema elettrika. Għalhekk hemm bżonn li immedjatament jibda il-proċess ta' Procurement. Il-perit tal-Kunsill beda jaħdem fuq l-ispecifications tal-kuntratt.

**480.15** **Arranġament tat-traffiku Pjazza San Nikola eċċ – aġġornament dwar approvazzjoni minn TM**

Is-Sindku talab li tiġi ċċirkolata l-korrispondenza bejn TM fuq il-proposta tat-traffiku. Hu qal li il-lista tal-kjarifiċi qed tiġi mwieġba mill-Perit Briffa. Hu qal li l-aħħar tweġiba intbagħtet din il-ġimgħa stess.

**480.16** **'Il-Villaġġ ta' Nikola 2025'**

Is-Sindku qal li kienet attivita' tajba fejn attendew numru tajjeb ta' nies kemm mil-lokal u anka barra mill-lokal. Hu qal li l-feedback tal-għaqdiet dwar bejgħ kien wieġed pożittiv anka kkumparat mas-snin preċedenti. Kellhom feedback tajjeb ukoll il-workshops u anka il-wirja tal-presepji u bambini f'Dar Ommna Marija. Hu qal li dejjem ikun hemm lok ta' titjib u f'laqgħa bejn il-voluntiera ġew imniżżla xi punti għall-attivitajiet li jmiss.

Is-Sindku rringrazja lil kull min ta l-ħin tiegħu biex din l-attivita' kienet suċċess fosthom lill-amministrazzjoni, lill-Viċi Sindku fl-organizzazzjoni u lill-kunsillier Charles Vassallo li baqa jsegwi t-tindif wara l-attivita'.

**480.17 Jum is-Siġġiewi 2025 – Nominazzjonijiet**

**480.17.1** Is-Sindku qal li s-serata ta' Jum is-Siġġiewi fl-1 ta' Marzu 2026 fis-6.30 ta' filgħaxija, ser ikollha l-involviment tat-tfal. Hu propona li s-serata tkun taħt il-patroċinju tal-President Emeritu Marie-Louise Coleiro Preca. Ippropona wkoll li s-serata ssir fis-sala tal-iskola primarja.

**480.17.2** Is-Sindku talab lill-kunsilliera biex fis-seduta li jmiss iressqu n-nominazzjonijiet għar-rikonoxximenti ta' persuni li jkunu ddistingwew ruħhom f'xi qasam partikolari lejn is-Siġġiewi jew il-komunità'. Hu talab lis-Segretarju Eżekuttiv tibgħat kopja tar-regolamenti għan-nominazzjonijiet u lista tal-persuni li diġà ġew rikonoxxuti. Hu qal li l-ismijiet imressqa jiġu diskussi mill-Kunsill waqt Seduta u deċiżi x'tip ta' rikonoxximent jingħata, jekk hux Onorefiċenza, mertu jew rikonoxximent.

**480.18 Attivitajiet – Tħawwil ta' siġar u 'road safety event'**

Is-Sindku qal li qed jistenna konferma u data minn Ambjent Malta għal 40 siġra taċ-ċipress mdaqqsin li ser jitħawlu tul Triq Salvu Borg Olivier. Hu qal li dan huwa kontinwazzjoni ta' proġett biex inħaddru s-Siġġiewi u ser ikunu nvoluti t-tfal tal-Ekoskola. Din l-attiivta' ser issir fid-29 ta' Jannar. Rigward l-attivita' ta' road safety huwa propona li ssir fl-istess ġurnata ħalli tkun attività' waħda ddedikata għat-tfal. Hu talab lill-Kunsilliera Stephanie Vassallo tikkoordina mal-iskola għad-29 ta' Jannar.

**480.19 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**480.19.1** PA7448/25 – Applikazzjoni għal żvilupp Triq Nikola Saura

**480.19.1.2** Is-Sindku talab li jagħmel dikjarazzjoni:

"Niddikjara li bejn Ġunju 2023 u Mejju 2024, qabditni il-parroċċa sabiex nagħti daqqa t'id f'biċċa xogħol li kienet qed taħdem fuqha, bażikament kif sal-lum il-ġurnata għent lill-għaqdiet kollha tal-lokalita'.

Nixtieq nagħmel il-pożizjoni tiegħi ċara f'dan ir-rigward:

1) Ma kelli qatt involviment fil-tfassil tal-pjanti jew tfassil tal-expression of interest. Fil-fatt meta talbitni opinjoni fuq din il-parroċċa, id-deċiżjoni tal-proġett kienet diġà ittieħdet. L-involviment tiegħi kien purament sabiex tiġi ivverifikata l-expression of interest;

2) Niddikjara ukoll illi qatt ma kien hemm ħlas involut ta din l-assistenza;

3) Ma fadalli l-ebda involviment f'aspetti legali jew tal-planning u ma għandi l-ebda rabta mal-kuntrattur f'dan il-proġett.

Għaliex naħseb li dan il-kunsill għandu jieħu l-iktar deċiżjoni tajba mingħajr possibbilment intiħ, jien ser inkun qed nissospendi lili nnifsi minn din il-laqgħa ħalli nħalli dan il-kunsill jiddeċiedi bil-libertà kollha.

Biss ngħid ħaġa, li tapplika għal kull każ li jiġi quddiemna, dan il-każ mhux differenti minn oħrajn. Il-kunsill għandu jħares l-interessi tan-nies u ta' raħal twelidna. Jiġifieri jekk il-kunsill irċieva xi korrispondenza mir-resident jew 'on the ground' kelmuna xi residenti u esprimew it-tħassib tagħhom, dan ma jista' qatt jiġi injorat."

Is-Sindku ħareġ mill-kamra. Il-Viċi Sindku kompla jipresedi.

480.19.1.3 Il-Viċi Sindku qara l-ittra minn residenti. Fuq l-istess ittra hemm nota li bħalissa qed issir petizzjoni online. Il-viċi Sindku qara wkoll email mill-avukat Dr. Schembri ta' familja residenti fi triq biswit. Il-Viċi Sindku qal li mill-ewwel ġie ikkuntattjat il-perit tal-kunsill biex jeżamina l-applikazzjoni u jagħti l-kummenti tiegħu. Il-Viċi Sindku qara l-punti mgħoddija mill-perit. Il-Kunsill iddiskuta dawn il-punti. Il-Kunsillier Albert Pace qal li kull sid ta' art, inkluż il-Knisja għandha dritt tagħmel l-aħjar użu għaliha dejjem skont il-parametri tal-liġi. Il-Viċi Sindku qal li jekk l-applikazzjoni qegħda skont il-policies, il-Kunsill m'għandux bażi biex joġġezzjona. Hu qal li kulħadd ikun jixtieq li minflok binja ħdejh titħalla green area, iżda ma tistax twaqqaf żvilupp jekk ikun fil-parametri tal-liġi. Kien hemm qbil li minkejja dan, il-Kunsill għandu jkun il-vuċi tan-nies u l-komunikati riċevuti jgħaddu għand il-Kurja u l-Arċipriet bħala sidien.

Is-Sindku ġie msejjaħ fil-kamra. Hu kompla jippresedi l-laqgħa.

480.19.2 Appell PA/07598/21 - Triq Burgabrun off, Triq l-Imqabba
Is-Sindku irrefera għal din l-applikazzjoni u l-bżonn urġenti biex jiġi sottomess appell. Għalhekk, intalbet stima lill-Perit R. Musumeci sabiex jirrappreżenta lill-istess Kunsill fis-sottomissjoni ta' appell sad-deċiżjoni. Ġie spjegat illi waqt li l-kunsill jaqbel li din il-barriera tiġi mimlija sat-topographic level, dan m'għandux idum perjodu ta' 25 sena (imma inqas) u li ma naqblux li l-planning commission neħħiet klawsola li tgħid li 'm'għandux jerġa' joħroġ materjal li ddaħħal'. Is-Sindku qal li l-istima għas-servizz professjonali hija ta' €485 u €200 biex jiġi reġistrat l-appell. Il-Kunsill unanimament qabel li jipproċedi bl-istima kif spjegat u jiġi sottomess l-appell mill-iktar fis.

480.20 **Rapport tal-Korrispondenza**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

480.21 **Rapport tal-ilmenti**
Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

480.22 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

480.23 **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

480.23.1 Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li hemm nuqqas ta' dawl ħdejn iċ-ċentru Santissima Trinita fi Triq Nicolo Baldacchino. Hu qal li diġà kien sar il-post fejn isiru l-arbli tad-dawl iżda qatt ma saru. Is-Sindku talab li tissejjaħ laqgħa mal-foreman tal-Enemalta dwar diversi issues.

480.23.2 Il-Kunsillier Christopher Farrugia saqsa dwar it-tiswijiet fil-ġnien ta' Ramija sussegwentement inċident li kien ikkawża ħsarat. Is-Sindku qal li l-amministrazzjoni qed issegwi dan il-każ mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi biex isiru t-tiswijiet neċessarji.

480.23.3 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li residenti ressqu ilmenti dwar tiġrijiet taż-żwiemel li qed ikun hemm fi Triq Giacomo Leopardi fil-ħinijiet bikrin. Skont l-informazzjoni dawn kienu waqfu għal xi żmien iżda reġgħu bdew. Is-Sindku propona li jingħata numru ta' kuntatt tal-Pulizija tal-Komunità' u tal-għassa lir-residenti li qed jilmentaw u meta ikun il-każ jikkuntattjaw huma dirett u dak il-ħin lill-pulizija ħalli tkun tista' tittieħed azzjoni immedjata.

**480.23.4** Il-Kunsillier Albert Pace ressaq ilment minn residenti fi Triq l-Iskola li qed ikollhom problema ta' aċċessibilita' mill-garaxx. Huma qalu li diġà kellmu l-Kunsill, anka fi snin preċedenti, u ittieħdu diversi miżuri iżda l-problema għadha ma ssolvietx. Il-Kunsillier Pace ippropona li titneħħa l-Motor cycle bay minn quddiem 'JohnMary 12' fi Triq l-Iskola u jitwalu d-double yellow lines biex ma jsirx parkeġġ. Il-Kunsill unanimament qabel. Il-Kunsillier pace semma wkoll problema ta' aċċessibilita' minn drive in fi Triq Ħal Xluq u propona li jitwalu id-double yellow lines ħalli ma jkunx hemm parkeġġar u l-vetturi jkunu jistgħu iduru 'l fuq.

**480.24** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.20 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 19 ta' Jannar 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 19 ta' Jannar 2026

Il-Perit Julian Borg
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv